Nru. 18,101
Prezz/Price
Lm0.96 (€2.24)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 17 ta' Lulju, 2007
Tuesday, 17th July, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 666

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,099 u 18,100 tal-10 u t-13 ta' Lulju, 2007 rispettivament.

A.L. Nru. 179 ta' l-2007: Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427); (Tħassir) Regolamenti ta' l-2007 dwar Estratti tal-Kafè u ċ-Ċikwejra.

A.L. Nru. 180 ta' l-2007: Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427); (Tħassir) Regolamenti ta' l-2007 dwar Prodotti tal-Kawkaw u Ċikkulata.

A.L. Nru. 181 ta' l-2007: Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti (Kap. 246); Ordni ta' l-2007 dwar Residenza Ta' Monita, Marsascala bħala Żona Speċjali Msemmija.

A.L. Nru. 182 ta' l-2007: Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kap. 365); Regolamenti ta' l-2007 dwar Salvagwardji ta' l-Euratom u l-Protokoll Addizzjonali li għandhom x'jaqsmu mat-Trattat ta' Non-Proliferazzjoni ta' Armi Nukleari.

A.L. Nru. 183 ta' l-2007: *Civil Aviation Act (Cap. 232); Air Navigation (Amendment) Order, 2007.*

A.L. Nru. 184 ta' l-2007: *Civil Aviation Act (Cap. 232); Civil Aviation (Joint Aviation Requirements) (Amendment) (No. 2) Order, 2007.*

A.L. Nru. 185 ta' l-2007: Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika (Kap. 174); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Finanzi Ġenerali (Emenda Nru. 2).

GOVERNMENT NOTICES

No. 666

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,099 and 18,100 of the 10th and the 13th July, 2007 respectively.

L.N. No. 179 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Coffee and Chicory Extracts (Repeal) Regulations, 2007.

L.N. No. 180 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Cocoa and Chocolate Products (Repeal) Regulations, 2007.

L.N. No. 181 of 2007: Immovable Property (Acquisition by Non-Residents) Act (Cap. 246); Ta' Monita Residence, Marsascala (Designated Special Area) Order, 2007.

L.N. No. 182 of 2007: National Interest (Enabling Powers) Act (Cap. 365); Treaty on the Non-Proliferation of Nuclear Weapons (Euratom Safeguards and Additional Protocol) Regulations, 2007.

L.N. No. 183 of 2007: Civil Aviation Act (Cap. 232); Air Navigation (Amendment) Order, 2007.

L.N. No. 184 of 2007: Civil Aviation Act (Cap. 232); Civil Aviation (Joint Aviation Requirements) (Amendment) (No. 2) Order, 2007.

L.N. No. 185 of 2007: Financial Administration and Audit Act (Cap. 174); General Financial Regulations (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 186 ta' l-2007: Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ (Kap. 441); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ (Emenda Nru. 2).

L.N. No. 186 of 2007: Trading Licences Act (Cap. 441); Trading Licences (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 187 ta' l-2007: Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini.

L.N. No. 187 of 2007: Development Planning Act (Cap. 356); Building Levy Rates (Amendment) Regulations, 2007.

Is-17 ta' Lulju, 2007

17th July, 2007

Nru. 667

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

Is-17 ta' Lulju, 2007
(File No. L128/2007)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija soġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art f'Għajnsielem, Għawdex:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka 113-il metru twila, 0.75 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda, inklużi 3 *manholes* b'0.75 metri b'0.75 metri u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 9,431 metru kwadru, li tmiss mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern, mill-Punent u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Patrijiet Karmelitani.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir

No. 667

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

17th July, 2007

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Għajnsielem, Gozo:–

1. The mentioned subsoil rights consisting in the digging of a trench 113 metres long, 0.75 metres wide and 1.5 metres deep, including 3 manholes 0.75 metres by 0.75 metres and laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 9,431 square metres, bounded on the East by Government property, on the West and the South by property of the Carmelite Friars.

2. The mentioned subsoil rights consisting in the digging

tħaffir ta' trinka 133-il metru twila, 0.75 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda, inklużi 4 *manholes* b'0.75 metri b'0.75 metri u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 10,800 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern, mill-Punent u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Patrijiet Karmelitani.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija bil-kulur aħdar filwaqt li t-trinka hija murija bil-kulur aħmar fuq il-pjanta mmarkata P.D. 2007_314, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

It-12 ta' Lulju, 2007

of a trench 133 metres long, 0.75 metres wide and 1.5 metres deep, including 4 manholes 0.75 metres by 0.75 metres and laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 10,800 square metres, bounded on the North by Government property, on the West and the South by property of the Carmelite Friars.

The above mentioned land is shown in green whilst the trench is shown in red on plan marked P.D. 2007_314, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President

12th July, 2007

Nru. 668

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Is-17 ta' Lulju, 2007
(File No. L69/74)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Marsaskala:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 134 metru kwadru, li tmiss mil-Lbiċ u min-Nofsinhar ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Carmelo Grasso u oħrajn u hija rreġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala parti minn *tenement* Nru. 51835.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D. 377_91_1 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

Il-11 ta' Lulju, 2007

No. 668

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

17th July, 2007

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Marsakala:–

1. A plot of land of the area of about 134 square metres, bounded on the South West and South by a public road and on the East by property of Mr Carmelo Grasso and others and is registered in the Government Records as part of tenement No. 51835.

The abovementioned land is shown marked in blue on plan marked P.D. 377_91_1 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President

11th July, 2007

Nru. 669

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR
***(STANDARDS* GĦALL-ĦARSIEN SOĊJALI)**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 669

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR
(SOCIAL WELFARE STANDARDS)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Family and Social Solidarity has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Dennis Buttigieg	Direttur *Director*	*Standards* għall-Ħarsien Soċjali *Social Welfare Standards*	14–17.7.2007

Is-17 ta' Lulju, 2007

17th July, 2007

Nru. 670

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI
(KAP.55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor Michael Refalo, LL.D., bħala Nutar Delegat/ Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dottor Enzo Refalo, LL.D.

LORIANNE CAMILLERI
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Nutarili

Is-16 ta' Lulju, 2007

No. 670

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT
(CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Michael Refalo, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Enzo Refalo, LL.D.

LORIANNE CAMILLERI
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

16th July, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 68

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Għarb, Għawdex

Nhar it-Tnejn, 23 ta' Lulju 2007 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Birbuba, il-Viżitazzjoni u Pjazza l-Viżitazzjoni.

POLICE NOTICE

No. 68

In virtue of Section 52(1) of the Traffic Ordinance,Cap. 65, the Commissioner of Police hereby notifies the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Għarb, Gozo

On Monday, 23rd July 2007 from 6.00 p.m. through the following streets: Birbuba, il-Viżitazzjoni and Pjazza l-Viżitazzjoni.

Nhar it-Tlieta, 24 ta' Lulju 2007 mis-6.00 p.m. mill-Pjazza l-Viżitazzjoni.

Nhar l-Erbgħa, 25 ta' Lulju 2007 mis-6.00 p.m. minn Triq il-Knisja u Triq il-Viżitazzjoni.

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Lulju 2007 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Knisja, Molina, Trux, Franġisk Mercieca u Pjazza l-Viżitazzjoni

Nhar is-Sibt, 28 ta' Lulju 2007 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Knisja, Franġisk Merieca, Trux, id-29 ta' Awissu u Pjazza l-Viżitazzjoni

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Lulju 2007 mil-10.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Knisja, Pjazza l-Viżitazzjoni, Franġisku Mercieca, Frenċ tal-Għarb, Trux, Viżitazzjoni u d-29 ta' Awissu.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

On Tuesday, 24th July 2007 from 6.00 p.m. from Pjazza l-Viżitazzjoni.

On Wednesday, 25th July 2007 from 6.00 p.m. through Triq il-Knisja and Triq il-Viżitazzjoni.

On Saturday, 27th July 2007 from 6.00 p.m. through the following streets: il-Knisja, Franġisk Merieca, Trux, id-29 ta' Awissu and Pjazza l-Viżitazzjoni

On Sunday, 28th July 2007 from 6.00 p.m. through the following streets: il-Knisja, Franġisk Merieca, Trux, id-29 ta' Awissu and Pjazza l-Viżitazzjoni

On Mondayu, 29th July 2007 from 10.00 a.m. through the following streets: il-Knisja, Pjazza l-Viżitazzjoni, Franġisku Mercieca, Frenċ tal-Għarb, Trux, Viżitazzjoni and d-29 ta' Awissu.

The parking of vehicle along the above mentioned streets is also prohibited and and vehicles found parked there will be towed.

Birżebbuġa

Mill-Ħadd, 29 ta' Lulju 2007 sat-Tlieta 7 ta' Awissu 2007, partijiet minn Triq Birżebbuġa se jkunu magħluqa għat-traffiku.

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Lulju 2007 mis-7.00 p.m. minn Misraħ il-Knisja, il-Kurat Fenech, Sant'Anġlu, is-Sajjied, Misraħ il-Knisja sal-Każin tal-Banda.

Nhar it-Tnejn, 30 ta' Lulju 2007 mit-8.00 p.m. minn Misraħ il-Knisja, il-Kurat Fenech, Sant'Anġlu, Santa Rita, il-Qolla, Misraħ ir-Repubblika, il-Kostituzzjoni, 13 ta' Diċembru, San Ġwann, iz-Zibra u l-Bajja s-Sabiħa.

Nhar it-Tnejn, 30 ta' Lulju 2007 mis-7.15 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, Santa Katerina, San Mikiel, il-Bieqja, il-Knisja, il-Bajja s-Sabiħa, Profs A.Tabone, il-31 ta' Marzu, Misraħ ir-Repubblika, San Tumas, Sant' Anġlu, Santa Rita, ix-Xogħol, l-Għodda u Sant' Andrija.

Nhar it-Tlieta, 31 ta' Lulju 2007 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Herakles, F.M. Ferretti, Batterija, l-Iżbark tat-Torok, id-Daqqaqa, l-Għannejja, il-Qajjenza, Cachia Zammit, ħdejn Al Fresco, Birżebbuġa, Zaren Dalli u Misraħ il-Knisja.

Nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Awissu 2007 mit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Tal-Papa, it-Trunċieri, l-Imnarja, Dun Karm Frendo,

Birzebbugia

From Sunday, 29th July 2007 to Tuesday 7th August 2007, parts of Triq Birżebbuġa will be closed to traffic.

On Friday, 27th July 2007 from 7.00 p.m. through Misraħ il-Knisja, il-Kurat Fenech, Sant'Anġlu, is-Sajjied, Misraħ il-Knisja to Band Club.

On Monday, 30th July 2007 from 8.00 p.m. from Misraħ il-Knisja, il-Kurat Fenech, Sant'Anġlu, Santa Rita, il-Qolla, Misraħ ir-Repubblika, il-Kostituzzjoni, 13 ta' Diċembru, San Ġwann, iz-Zibra and il-Bajja s-Sabiħa.

On Monday, 30th July 2007 from 7.15 p.m. through the following streets: Misraħ il-Knisja, Santa Katerina, San Mikiel, il-Bieqja, il-Knisja, il-Bajja s-Sabiħa, Profs A.Tabone, il-31 ta' Marzu, Misraħ ir-Repubblika, San Tumas, Sant' Anġlu, Santa Rita, ix-Xogħol, l-Għodda and Sant' Andrija.

On Tuesday, 31st July 2007 from 8.00 p.m. through the following streets: Herakles, F.M. Ferretti, Batterija, l-Iżbark tat-Torok, id-Daqqaqa, l-Għannejja, il-Qajjenza, Cachia Zammit, near Al Fresco, Birżebbuġa, Zaren Dalli and Misraħ il-Knisja.

On Wednesday, 1st August 2007 from 8.30 p.m. through the following streets: Tal-Papa, it-Trunċieri, l-Imnarja, Dun Karm

Tal-Papa,Wied il-Buni, F. Nightingale, ir-Rizza, l-Imħar, il-Qroll, il-Borok, iċ-Ċief, Freeport, is-Sebħ, il-Ġurġier, San Ġwann, San Franġisk, Saverju, Kartaġinizi, Alessandru, San Edwardu sal-Bajja s-Sabiħa.

Nhar il-Ħamis, 2 ta' Awissu 2007 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa, Misraħ il-Knisja, iż-Żurrieq, 13 ta' Diċembru, San Ġwann, San Edwardu, Misraħ is-Summit, San Patrizju, il-Kummerċ, San Filippu, Misraħ Ħamilkar Barka u San Filippu.

Nhar il-Ħamis, 2 ta' Awissu 2007 mit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, iż-Żurrieq, ix-Xbieki, San Vinċenz, San Ġwann, il-Kartaġiniżi, Freeport, San Franġisk, Alessandru, San Edwardu, il-Bajja s-Sabiħa, id-Duluri, San Mikiel u Birżebbuġa.

Nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Awissu 2007 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: ħdejn il-Pitch, San Patrizju, Despott, San Filippu, San Franġisk, San Ġwann, 13 ta' Diċembru, Misraħ ir-Repubblika, San Tumas, Sant' Anġelo, Santa Rita, Brolli, Misraħ il-Knisja, Birżebbuġa, Santa Katerina, San Mikiel u Żaren Dalli.

Nhar is-Sibt, l-4 ta' Awissu 2007 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, Santa Katerina, il-Knisja, il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa, Misraħ il-Knisja, Brolli, San Ġużepp, San Ġorġ, Dawret il-Qalb Imqadsa, Santa Marija, San Mikiel u San Pawl.

Nhar il-Ħadd, 5 ta' Awissu 2007 mill-10.15 a.m. mit-toroq li ġejjin: Birżebbuġa, il-Bajja s-Sabiħa, il-Knisja, id-Duluri, San Mikiel, San Pietru, San Ġorġ, Zaren Dalli, Misraħ il-Knisja, is-Sajjied, Sant' Anġlu u A. Tabone.

Nhar il-Ħadd, 5 ta' Awissu 2007 mill-11.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, Brolli, San Ġużepp, Birżebbuġa, it-Tankijiet, Santa Katerina, San Mikiel, San Pawl, il-Bajja s-Sabiħa, Profs A.Tabone, iż-Żurrieq sal-każin tal-banda.

Nhar il-Ħadd, 5 ta' Awissu 2007 mis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Bajja s-Sabiħa, Profs A.Tabone, iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja u Birżebbuġa.

Nhar il-Ħadd, 5 ta' Awissu 2007 mis-7:15 p.m. mill-Każin tal-Banda San Pietru sal-Bajja s-Sabiħa ħdejn il-Każin ta' l-MLP.

Nhar il-Ħadd 5 ta' Awissu 2007 mill-11.00 p.m. f'Misraħ il-Knisja u l-Bajja s-Sabiħa.

Is-17 ta' Lulju, 2007

Frendo, Tal-Papa,Wied il-Buni, F. Nightingale, ir-Rizza, l-Imħar, il-Qroll, il-Borok, iċ-Ċief, Freeport, is-Sebħ, il-Ġurġier, San Ġwann, San Franġisk, Saverju, Kartaġinizi, Alessandru, San Edwardu up to l-Bajja s-Sabiħa.

On Thursday, 2nd August 2007 from 8.00 p.m. through the following streets: il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa, Misraħ il-Knisja, iż-Żurrieq, 13 ta' Diċembru, San Ġwann, San Edwardu, Misraħ is-Summit, San Patrizju, il-Kummerċ, San Filippu, Misraħ Ħamilkar Barka and San Filippu.

On Thursday, 2nd August 2007 from 8.30 p.m. through the following streets: Misraħ il-Knisja, iż-Żurrieq, ix-Xbieki, San Vinċenz, San Ġwann, il-Kartaġiniżi, Freeport, San Franġisk, Alessandru, San Edwardu, il-Bajja s-Sabiħa, id-Duluri, San Mikiel and Birżebbuġa.

On Friday, 3rd August 2007 from 8.00 p.m. through the following streets: from near Pitch, San Patrizju, Despott, San Filippu, San Franġisk, San Ġwann, 13 ta' Diċembru, Misraħ ir-Repubblika, San Tumas, Sant' Anġelo, Santa Rita, Brolli, Misraħ il-Knisja, Birżebbuġa, Santa Katerina, San Mikiel and Żaren Dalli.

On Saturday 4th August 2007 from 8.00 p.m. through the following streets: Misraħ il-Knisja, Santa Katerina, il-Knisja, il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa, Misraħ il-Knisja, Brolli, San Ġużepp, San Ġorġ, Dawret il-Qalb Imqadsa, Santa Marija, San Mikiel and San Pawl.

On Sunday, 5th August 2007 from 10.15 a.m. through the following streets: Birżebbuġa, il-Bajja s-Sabiħa, il-Knisja, id-Duluri, San Mikiel, San Pietru, San Ġorġ, Zaren Dalli, Misraħ il-Knisja, is-Sajjied, Sant' Anġlu and A. Tabone.

On Sunday, 5th August 2007 from 11.30 a.m. through the following streets: Misraħ il-Knisja, Brolli, San Ġużepp, Birżebbuġa, it-Tankijiet, Santa Katerina, San Mikiel, San Pawl, il-Bajja s-Sabiħa, Profs A.Tabone, iż-Żurrieq to band club.

On Sunday, 5th August 2007 from 7.00 p.m. through the following streets: il-Bajja s-Sabiħa, Profs A.Tabone, iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja and Birżebbuġa.

On Sunday, 5th August 2007 from 7:15 p.m. from St Peter's Band Club to il-Bajja s-Sabiħa near MLP Club.

On Sunday 5th August 2007 from 11.00 p.m. at Misraħ il-Knisja and il-Bajja s-Sabiħa.

17th July, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 69

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-triq imsemmija hawn taħt se tkun meqjusa bħala Żona ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-triq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Santa Venera

Nhar l-Erbgħa, it-18 ta' Lulju 2007 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq il-Fanali.

Raħal Ġdid

Nhar il-Ħamis 19, il-Ġimgħa 20, is-Sibt 21 u l-Ħadd 22 ta' Lulju, 2007 mit-3.00 p.m 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Antoine De Paule, Vjal Antoine De Paule u l-pjazza faċċata ċ-Ċentru tas-Saħħa fi Vjal Antoine De Paule.

Nhar il-Ħadd, it-22 ta' Lulju, 2007 mis-1.00 p.m 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Antoine De Paule, Triq Ħal Tarxien, Triq Lampuka, Triq Ħaż-Żabbar u minn fejn tgħaddi l-Purċissjoni.

Tas-Sliema

Nhar l-Erbgħa 15 ta' Awissu 2007 mill-4.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: ix-Xatt minn ħdejn l-iSquare Deal sa ħdejn il-Magic Kiosk (iż-żewġ naħat tat-triq) Triq it-Torri minn ħdejn il-Magic Kiosk sa Triq il-Katidral, Triq il-Katidral u Triq it-Torri quddiem Għar id-Dud.

Nhar il-Ħamis 15 ta' Awissu 2007 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl mix-Xatt minn ħdejn l-iSquare Deal sa Triq il-Katidral u quddiem Għar id-Dud.

Nhar il-Ġimgħa 17 ta' Awissu 2007 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: ix-Xatt minn ħdejn l-iSquare Deal sa ħdejn il-Magic Kiosk (iż-żewġ naħat tat-triq), Triq it-Torri minn ħdejn il-Magic Kiosk sa Triq il-Katidral u Triq il-Katidral.

Nhar is-Sibt 18 ta' Awissu mill-5.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: ix-Xatt minn ħdejn l-iSquare Deal sa ħdejn il-Magic Kiosk (iż-żewġ naħat tat-triq), Triq it-Torri minn ħdejn il-Magic Kiosk sa Triq il-Katidral u Triq il-Katidral.

Nhar il-Ħadd 19 ta' Awissu mit-8.00 a.m. sat-3.00 p.m.

POLICE NOTICE

No. 69

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the street listed hereunder is to be classified as Tow Zone as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the street mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Santa Venera

On Wednesday, 18th July 2007 from 5.00 p.m. till midnight through Triq il-Fanali.

Paola

On Thursday 19th, Friday 20th, Saturday 21st and Sunday 22nd July, 2007 from 3.00 p.m onwards through the following streets: Antoine De Paule Square, Antoine De Paule Avenue and square opposite the Health Centre in Antoine De Paule Avenue.

On Sunday, 22nd July, 2007, from 1.00 p.m. onwards through the following streets: Antoine De Paule Square, Triq Ħal Tarxien, Triq Lampuka, Triq Ħaż-Żabbar and Procession route.

Sliema

On Wednesday 15th August 2007 from 4.00 p.m. till midnight through the following streets: ix-Xatt from near the Square Deal up to Magic Kiosk (both sides of the road) Triq it-Torri from near the Magic Kiosk up to Triq il-Katidral, Triq il-Katidral and Triq it-Torri in front of Għar id-Dud.

On Thursday 15th August 2007 from 5.00 p.m. till midnight from ix-Xatt from near Square Deal up to Triq il-Katidral and in front of Għar id-Dud.

On Friday 17th August 2007 from 5.00 p.m. till midnight through the following streets: ix-Xatt from near the Square Deal up to Magic Kiosk (both sides of the road) it-Torri from near the Magic Kiosk up to Triq il-Katidral and Triq il-Katidral.

On Saturday 18th August 2007 from 5.00 p.m. till midnight through the following streets: ix-Xatt from near the Square Deal up to Magic Kiosk (both sides of the road) it-Torri from near the Magic Kiosk up to Triq il-Katidral and Triq il-Katidral.

On Sunday 19th August 2007 from 8.00 a.m. to 3.00 p.m.

mit-toroq li ġejjin: ix-Xatt minn ħdejn l-iSquare Deal sa ħdejn il-Magic Kiosk (iż-żewġ naħat tat-triq), Triq it-Torri minn ħdejn il-Magic Kiosk sa Triq il-Katidral u Triq il-Katidral.

Nhar il-Ħadd 19 ta' Awissu mit-3.00 a.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Triq il-Kbira, l-Annunzjata, San Pawl, San Vinċens, ix-Xatt minn ħdejn l-iSquare Deal sa ħdejn il-Magic Kiosk (iż-żewġ naħat tat-triq), Triq it-Torri minn ħdejn il-Magic Kiosk sa Triq il-Katidral u Triq il-l-Katidral.

Il-pubbliku għandu jobdi l-ordnijiet li jingħataw u l-iskema l-ġdida tat-traffiku li tkun fis-seħħ matul id-data u ħinijiet imsemmija. it-trasport pubbliku se jiġi affettwat.

Vetturi li jinstabu jiksu l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Is-17 ta' Lulju, 2007

through the following streets: ix-Xatt from near the Square Deal up to Magic Kiosk (both sides of the road), it-Torri from near the Magic Kiosk up to Triq il-Katidral and Triq il-Katidral.

On Sunday 19th August 2007 from 3.00 a.m. till midnight through the following streets: Triq il-Kbira, l-Annunzjata, San Pawl, San Vinċens, ix-Xatt from near the Square Deal up to Magic Kiosk (both sides of the road), Triq it-Torri from near the Magic Kiosk up to Triq il-Katidral and Triq il-Katidral.

The public is to follow directions given and new traffic scheme in operation during the said dates and times. Public transport will be effected.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

17th July, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 39 ta' l-2007

Titjiriet ta' Familjarizzazzjoni minn Seaplane bejn il-Port il-Kbir tal-Belt Valletta u l-Port ta' l-Imġarr f'Għawdex

Ngħarrfu lill-baħħara li qegħdin isiru titjiriet ta' familjarizzazzjoni minn *seaplane* bejn il-Port il-Kbir tal-Belt Valletta u l-Port ta' l-Imġarr f'Għawdex.

Minħabba dan il-baħħara li jkunu jbaħħru fil-Port il-Kbir tal-Belt Valletta u l-Port ta' l-Imġarr f'Għawdex għandhom ibaħħru b'attenzjoni kbira u bil-mod. Għandhom jobdu l-istruzzjonijiet li joħorġu mill-Valletta Port Control (VTS).

Charts affettwati: BA 177, 211A, 2537.

Is-17 ta' Lulju, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 39 of 2007

Seaplane Familiarisation Flights between Valletta Grand Harbour and Mġarr Harbour in Gozo

Mariners are to note that seaplane familiarisation flights are taking place between Valletta Grand Harbour and Mġarr Harbour, Gozo.

In view of the above mariners navigating inside Valletta Grand Harbour and off Mġarr Harbour, Gozo, are to navigate with extreme caution and slow speed. They are to obey any instructions issued by Valletta Port Control (VTS)

Chart affected: BA 177, 211A, 2537.

17th July, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 40 ta' l-2007

Innaddfu Qiegħ il-Baħar - il-Bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan

L-Awtorità Maltija dwar it-Turiżmu qed torganizza Blue Flag Education and Environment Activities fil-bajja msemmija hawn fuq nhar is-Sibt, 21 ta' Lulju 2007. Parti mill-attivitajiet jinkludu tindif ta' qiegħ il-baħar tal-bajja minn għaddasa.

Minħabba dan ta' hawn fuq il-baħħara huma mitluba biex

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 40 of 2007

Clean Up the Sea – St George's Bay, St Julians

The Malta Tourism Authority is organising Blue Flag Education and Environment Activities at the above-mentioned bay on Saturday, 21st July 2007. Part of the activities include a clean up to the seabed in the bay by divers.

In view of the above mariners are requested not to navigate

ma jbaħħrux fil-Bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan nhar is-Sibt, 21 ta' Lulju 2007 bejn id-9.00 a.m. u madwar is-1.30 p.m. ħin lokali.

Chart affettwati: BA 177

Is-17 ta' Lulju, 2007

inside St George's Bay – St Julians, on Saturday 21st July 2007 between 9.00 a.m. and approximately 1.30 p.m. local time.

Chart affected: BA 177

17th July, 2007

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġlu jimla vakanzi fil-*lecturing* fis-suġġetti li ġejjin:

Xjenza u Xjenza Ambjentali
(Permess ta' l-ETC Nru 117/2007)

Il-kandidati għandu jkollhom lawrja fil-B.Ed. (Hons.) jew lawrja fil-B.Sc. fil-Kimika u l-Bijoloġija.

Teknoloġija ta' l-Informazzjoni
(Permess ta' l-ETC Nru. 118/2007)

L-applikanti għandu jkollhom l-ewwel lawrija fl-IT JEW kwalifiki vokazzjonali relevanti (Level 3 jew ogħla) u ta' l-anqas ħames snin esperjenza industrijali/kummerċjali relevanti u xierqa. Għandhom ikunu kwalifikati u bl-esperjenza f'wieħed jew aktar mill-oqsma li ġejjin:

Computer Systems and Architecture
Software Development (VB.Net, C#, .Net, Java, ASP. Net)
Computer Networks (LANS, WANS)
Object Oriented Techniques

Tingħata preferenza lill-kandidati li jkunu kwalifikati fis-Cisco CCNA, Microsoft MCSE jew MCAD.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jimlew u jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni tal-Kulleġġ, flimkien mal-*history sheet* ta' l-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, is-6 ta' Awissu 2007.

Applikazzjonijiet u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu *online* jew mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani. Applikazzjonijiet għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Amministrazzjoni, Bini ta' l-Amministrazzjoni, Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Is-17 ta' Lulju, 2007

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill lecturing vacancies in the following subjects:

Science and Environmental Science
(ETC Permit No. 117/2007)

Candidates should be in possession of a B.Ed. (Hons.) Degree or a B.Sc. Degree in Chemistry and Biology.

Information Technology
(ETC Permit No. 118/2007)

Applicants should have a first degree in IT OR relevant vocational qualifications (Level 3 or above) and at least five years relevant and appropriate industrial/commercial experience. They should be qualified and experienced in one or more of the following areas:

Computer Systems and Architecture
Software Development (VB.Net, C#, .Net, Java, ASP. Net)
Computer Networks (LANS, WANS)
Object Oriented Techniques

Preference will be given to candidates with a Cisco CCNA, Microsoft MCSE or MCAD qualification.

Prospective candidates are invited to submit the completed College Application Form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later noon of than Monday, 6th August 2007.

Applications and further information are available online and from the Human Resources Office. Applications are to be addressed to the Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late applications will not be considered.

17th July, 2007

EUROPEAN UNION

Vacancy for Director
General Secretariat of the Council of the European Union

A post as Director, function group AD, grade 14, is vacant in Directorate-General E (External and Politico-Military Affairs) of the General Secretariat of the Council of the European Union in Brussels. The holder of the post will initially be seconded to the Geneva Liaison Office for a maximum period of four years.

Applicants must:

be a national of one of the Member States of the European Union;
enjoy their full rights as citizens;
have fulfilled any obligations imposed on them by the laws concerning military service;
produce the appropriate character references as to their suitability for the performance of their duties.

Applications will be considered only if they are fully documented, i.e. accompanied by:

(a) a completed and signed application form;

(b) detailed curriculum vitae covering the applicant's whole career and indicating, inter alia, qualifications, knowledge of languages, experience and current duties, and

(c) supporting documents relating to diplomas and professional experience (photocopies only).

Applications should be sent, preferably by registered mail, to:

Selection and Recruitment Department,
General Secretariat of the Council of the European Union,
Rue de la Loi 175, 1048
Brussels,

not later than 10.08.2007, the postmark being taken as proof.

More information about this vacancy may be found at http://www.mpo.gov.mt/downloads/eu notices/quarter 3/dir_ politicomilitary.pdf

HR Systems and Data Management Department
Management and Personnel Office
Office of the Prime Minister
Auberge de Castille
Valletta

17th July, 2007

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Postijiet ta' *Scientific Officer* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Ngħarrfu li mit-23 ta' Lulju 2007, l-applikazzjonijiet għall-postijiet imsemmija hawn fuq jintlaqgħu fl-indirizz kif jidher hawn taħt:

Direttur (Servizzi Korporattivi)
Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent
Sezzjoni tar-Riżorsi Umani
173, Triq San Kristofru
Valletta

Is-17 ta' Lulju, 2007

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Posts of Scientific Officer in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

It is notifed that as from 23rd July 2007, applications for the above mentioned posts are to be submitted at the following address:

Director (Corporate Services)
Ministry for Rural Affairs and the Environment
Human Resources Section
173, St Christopher Street
Valletta

17th July, 2007

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, id-19 ta' Lulju, 2007, għal:

CT 218/2007. Twaqqigħ ta' konkrit rinforzat u *ceramic sun screen* fil-Librerija u tibdil għal *woven metal screen* - l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-26 ta' Lulju, 2007, għal:

CT 213/2007. Servizzi ta' *care working* - Sptar Monte Karmeli. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.
Il-Contract Notice ta' l-UE ntbagħat fl-1 ta' Ġunju 2007.

CT 231/2007. Provvista ta' injezzjonijiet *bumetanide 2mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 232/2007. Provvista ta' qtar ta' l-għajnejn *oxybuprocaine 0.4% single use* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 233/2007. Provvista ta' servizzi ta' sigurtà - l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 235/2007. Provvista, konsenja u tqegħid ta' ċangaturi/kubetti tal-qawwi għat-tisiħ fiz-zuntier tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following Advt.isements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 19th July, 2007 for:

CT 218/2007. Demolition of reinforced concrete and ceramic sun screen at the Library and replacement of same by a woven metal screen - University of Malta. A fee of Lm25 (€58.23) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 26th July, 2007 for:

CT 213/2007. Care working services - Mount Carmel Hospital. A fee of Lm20 (€46.59) will be charged for each copy of tender document.
The EU Contract Notice was dispatched on 1st June 2007.

CT 231/2007. Supply of bumetanide 2mg injections - Health Division.

CT 232/2007. Supply of oxybuprocaine 0.4% single use eye drops - Health Division.

CT 233/2007. Provision of security services - University of Malta. A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each copy of tender document.

CT 235/2007. Supply, delivery and laying of hardstone slabs/hardstone cubetti for the upgrading of St George's Parish Church parvis, Qormi - Works Division. A fee of Lm25 (€58.23) will be charged for each copy of tender document.

CT 165/2007. Impjant ta' trattament tad-drenaġġ fin-Nofsinhar ta' Malta - Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Irid jitħallas dritt ta' Lm500 (€1,164.69) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' April 2007.

Dan huwa *Works Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropeja, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, ERDF - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(Budget Allokat: Lm24.5 miljun/€57.07 miljun mingħajr il-V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-31 ta' Lulju, 2007, għal:

CT 236/2007. Xogħlijiet tat-toroq fi Triq il-Qigħan, Triq l-Imrejżbiet u Triq il-Merkanti, Għajnsielem, Għawdex - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 239/2007. Provvista ta' *anti-haemophilia factor XIII* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 239/2007. Provvista ta' pilloli *pergolide 50mcg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-2 ta' Awissu, 2007, għal:

CT 223/2007. Provvista ta' *beclomethasone* 50mcg *inhaler* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-8 ta' Ġunju 2007.

CT 224/2007. Provvista ta' *enalapril 5mg tablets* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-8 ta' Ġunju 2007.

CT 225/2007. Provvista ta' ingwent *calcipotriol 5mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-8 ta' Ġunju 2007.

CT 242/2007. Provvista ta' *IVAC administration sets* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 243/2007. Provvista ta' *parts* u *consumables* meħtieġa għal *Nova Blood Analyser* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 244/2007. Provvista ta' ngwanti *latex medium (powder free)* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 245/2007. Provvista ta' *high torque wire guides* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 165/2007. Malta South Sewage Treatment Plant - Water Services Corporation. A fee of Lm500 (€1,164.69) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 9th April 2007.

This is a Works Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is being co-funded by the European Union, through the European Regional Development Fund, ERDF - Investing in Your Future.

(Allocated Budget: Lm24.5 million/€57.07 million excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 31st July, 2007 for:

CT 236/2007. Road works at Triq il-Qigħan, Triq l-Imrejżbiet and Triq il-Merkanti, Għajnsielem, Gozo - Ministry of Gozo. A fee of Lm25 (€58.23) will be charged for each copy of tender document.

CT 239/2007. Supply of anti-haemophilia factor XIII – Health Division.

CT 240/2007. Supply of pergolide 50mcg – Health Division.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 2nd August, 2007 for:

CT 223/2007. Supply of beclomethasone 50mcg inhaler – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 8th June 2007.

CT 224/2007. Supply of enalapril 5mg tablets – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 8th June 2007.

CT 225/2007. Supply of calcipotriol ointment – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 8th June 2007.

CT 242/2007. Supply of IVAC administration sets – Health Division.

CT 243/2007. Supply of parts and consumables needed for Nova Blood Analyser – Health Division.

CT 244/2007. Supply of gloves latex medium (powder free) – Health Division.

CT 245/2007. Supply of high torque wire guides – Health Division.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-7 ta' Awissu, 2007, għal:

CT 226/2007. Provvista ta' *CAPD bags with amino acids* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-11 ta' Ġunju 2007.

CT 227/2007. Provvista ta' ħobż mingħajr glutina – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-11 ta' Ġunju 2007.

CT 228/2007. Provvista ta' kapsoli/pilloli *omeprazole 20mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-11 ta' Ġunju 2007.

CT 229/2007. Provvista ta' injezzjonijiet *octreotide 500mcg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-11 ta' Ġunju 2007.

CT 230/2007. Provvista ta' pilloli *pergolide 1mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-11 ta' Ġunju 2007.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-14 ta' Awissu, 2007, għal:

CT 250/2007. Manifattura ta' *stands* ta' l-informazzjoni dwar l-ewro u/jew manutenzjoni ta' *stands* ta' l-informazzjoni - Kumitat Nazzjonali għall-Bidla għall-Ewro. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-16 ta' Awissu, 2007, għal:

CT 251/2007. Xogħlijiet ta' bini u tlestija fl-estensjoni ta' l-uffiċċju tar-Rettur fil-Binja ta' l-Amministrazzjoni - l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 252/2007. Żarmar ta' apparat eżistenti, provvista u stallazzjoni ta' apparat ta' *airconditioning* u ventilazzjoni fis-swali ta' l-irġiel 7 u 8 fir-Residenza San Vinċenz de Paule - Kumitat tal-*Welfare*. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 (€69.88) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 254/2007. Provvista ta' qtar ta' l-għajnejn *brimonidine tartrate 0.2%* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 255/2007. Provvista ta' injezzjonijiet *oxaliplatin* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 7th August, 2007 for:

CT 226/2007. Supply of CAPD bags with amino acids – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th June 2007.

CT 227/2007. Supply of gluten free bread - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th June 2007.

CT 228/2007. Supply of capsules/tablets omeprazole 20mg - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th June 2007.

CT 229/2007. Supply of octreotide 500mcg injections - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th June 2007.

CT 230/2007. Supply of pergolide 1mg tablets - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th June 2007.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 14th August, 2007 for:

CT 250/2007. Manufacturing of euro information stands and/or maintenance and upkeep of the information stands - National Euro Changeover Committee. A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 16th August, 2007 for:

CT 251/2007. Construction and finishing works at the extension to the Rector's office at the Administration Building - University of Malta. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

CT 252/2007. Dismantling of existing equipment and the supply and installation of airconditioning and ventilation equipment at wards male 7 and 8, St Vincent de Paule Residence - Welfare Committee. A fee of Lm30 (€69.88) will be charged for each copy of tender document.

CT 254/2007. Supply of brimonidine tartrate 0.2% eye drops – Health Division.

CT 255/2007. Supply of oxaliplatin injections – Health Division.

CT 256/2007. Provvista ta' karozzi tat-tip *saloon* - Forzi Armati ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 257/2007. Provvista ta' suppositorji *prednisone 30mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 258/2007. Provvista ta' injezzjonijiet *synthetic salmon calcitonin (salcatonin) 100 unit* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-21 ta' Awissu, 2007, għal:

CT 246/2007. Provvista ta' *aortic valve biophrosthesis* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-25 ta' Ġunju 2007.

CT 259/2007. Provvista ta' injezzjonijiet *propofol 500mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 260/2007. Provvista ta' kapsoli *pancreatin containing enteric-coated granules* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-23 ta' Awissu, 2007, għal:

CT 247/2007. Provvista ta' pilloli *nortriptyline 25mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-28 ta' Ġunju 2007.

CT 248/2007. Provvista ta' *prosthetic heart valves* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-28 ta' Ġunju 2007.

CT 249/2007. Provvista ta' pilloli *isosorbide mononitrate 60mg SR* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-28 ta' Ġunju 2007.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-28 ta' Awissu, 2007, għal:

CT 238/2007. Provvista ta' *blood cardioplegia delivery system* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 253/2007. Servizzi ta' *nursing* - Sptar Monte Karmeli. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Lulju 2007.

CT 261/2007. Provvista u stallazzjoni ta' xogħlijiet ta' l-aluminju fir-Residenza San Vincenz de Paule - Kumitat tal-*Welfare*. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 256/2007. Supply of saloon cars - Armed Forces of Malta. A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each copy of tender document.

CT 257/2007. Supply of prednisone 30mg suppositories – Health Division.

CT 258/2007. Supply of synthetic salmon calcitonin (salcatonin) 100 unit injections – Health Division.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 21st August, 2007 for:

CT 246/2007. Supply of aortic valve biophrosthesis – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 25th June 2007.

CT 259/2007. Supply of propofol 500mg injections – Health Division.

CT 260/2007. Supply of pancreatin capsules containing enteric-coated granules – Health Division.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 23rd August, 2007 for:

CT 247/2007. Supply of nortriptyline 25mg tablets – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 28th June 2007.

CT 248/2007. Supply of prosthetic heart valves – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 28th June 2007.

CT 249/2007. Supply of isosorbide mononitrate 60mg SR tablets – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 28th June 2007.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 28th August, 2007 for:

CT 238/2007. Supply of blood cardioplegia delivery system – Health Division.

CT 253/2007. Nursing services - Mount Carmel Hospital. A fee of Lm20 (€46.59) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 4th July 2007.

CT 261/2007. Supply and installation of aluminium works at St Vincent de Paule Residence - Welfare Committee. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

*CT 266/2007. *Framework contract* għall-kiri ta' *excavators* u *loaders* – Taqsima tax-Xogħlijiet. Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 (€34.94) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

*CT 268/2007. Provvista ta' *eseophageal stent system* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-4 ta' Settembru, 2007, għal:

